QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T’ APRIL 2002

Avviz Nru 175/00DM

Carmel Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta John Abela Limited

vs

Gollcher Company Limited u Gollcher Company Limited fil-kwalita taghha bhala agenti tal-kumpanija estera Grandi Traghetti S. R.L. di Navigazione

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur noe talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta’ mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) rapprezentanti hsarat ikkagunati fi Transit JAS 150, proprjeta tal-atturi, meta kien fil-pussess tal-konvenuti u dan waqt it- tragitt bejn Genoa u Malta fis-17 /4/98 meta minhabba traskuragni u negligenza da parte tal-konvnuti gew ikkagunati dawn il-hsarat.

Bl-ispejjez inkluzi l-imghax u l ittra ufficjali datata l-1 ta’ Novembru 1998 u bl-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Fl-ewwel lok l-attur iddekada mid-dritt tal-azzjoni a basi tal-kondizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fil-polza ta’ kariku;
2 Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat allegati;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenuti ma gabu ebda prova in sostenn tal-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata li tirrigwarda d-dekadenza tal-atturi mid-dritt tal-azzjoni a bazi tal-kundizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fil-polza ta' karigu.

Infatti lanqas il-polza ta' karigu relativa ghall kwistjoni, dik bin-numru 178469, ma giet esibita fl-atti.

Ghalhekk tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Fil-mertu jirrizulta ampjament ippruvat illi t-trailer in kwistjoni kien iddanneggjat meta gie rilaxxjat f'idejn l-atturi kif jirrizulta mill-'*gate pass out* ' mahrug fid-19 ta' Novembru 1998 rilaxxjat mill-Cargo Handling Company Limited.

Mid-deposizzjoni ta' Martin Zammit, prodott mill-istess konvenuti, jirrizulta illi dan kien il-persuna ikkarigata bhala *tally clerk* biex jispezzjona l-merkanzija li kienet mghobbija fuq it-trailer in kwistjoni, jirrizulta illi dan ghamel dan it-*tally* ossia l-verifika kemm rigward il-merkazija kif ukoll fir-rigward tal-kundizzjoni tat-trailer li fuqu kellhu l-merkanzija, u li dan it-tally sar abbord il-vapur li tieghu kienu l-agenti l-kumpanija konvenuta. Inoltre jirrizulta wkoll illi din il-hsara kienet digia giet riskontrata meta t-trailer kien ghandu fuq il-vapur.

Infatti l-istess tally clerk, Martin Zammit, in kontro ezami jghid "*Jiena nkun ghamilt it-tally ta' dak li sibt abbord fuq il-vapur qed jinhatt hawn Malta.*" Huwa kkonferma ukoll illi l-hsara saret fil-prezenza tieghu waqt illi l-istess trailer kien qieghed jinhatt abbord u fil-fatt eskluda illi l-hsara setghet saret f'idejn il-kumpanija Cargo Handling peress illi din kienet digia tezisti qabel ma t-trailer nizel minn fuq il-vapur.

Mid-deposizzjoni ta' Carmelo Abela jirrizulta illi l-hsara kienet giet riskontrata mill-ewwel kif appena t-trailer gie rilaxxjat lilhom fid-19 ta' Novembru u kien ta' l-avviz lill-konvenuti dwar din il-hsara qabel l-20 ta' Novembru 1998.

Ghalhekk jirrizulta sodisfacentement illi l-hsara fit-trailer tal-atturi kienet grat meta dan l-istess trailer kien qieghed fil-pussess u fil- kustodja tal-konvenuti li ghalhekk ghandhom jkunu tenuti responsabbli biex jghamlu tajjeb ghad-danni rizultanti.

Mill-provi attrici jirrizulta ampjament ippruvat illi d-danni totali biex gie rriparat it-trailer ammontaw ghal mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) kif gie mitlub fl-avviz.

Ghaldaqstant il-Qorti, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalitajiet li fihom gew citati sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-4 ta' Novembru 1999; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ38